**Informazzjoni**

Ir-rwol tal-ħarsien tal-istabbiltà finanzjarja tal-Bank Ċentrali ta' Malta jista' jagħti lok għal proposti tal-politika li jistgħu jżidu s-sigurtà u l-effettività tas-sistema finanzjarja waqt li jfittxu wkoll li jippromwovu l-għarfien mill-pubbliku tal-kwistjonijiet marbuta mal-istabbiltà finanzjarja u l-assessjar tagħhom. Għal dan il-għan, il-Bank Ċentrali ta' Malta jippubblika fuq bażi annwali l-analiżi tiegħu dwar l-istabbiltà finanzjarja u s-sejbiet ewlenin fil-*Financial Stability Report* u f'nofs is-sena jippubblika aġġornament tiegħu. L-ewwel pubblikazzjoni tiegħu huwa l-Financial Stability Report ta' Diċembru 2008 iżda sommarji ta' qabel ġew inklużi fir-Rapport ta' Kull Tliet Xhur u fir-Rapport Annwali.